ĦAL TARXIEN

MINUTI

GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN

IS-SEBA' LEGISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 32/07 – Il-Ħamis 26 ta' Marzu fis-18:00pm.**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *Wasal fi 18:30pm* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal fi 18:40pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *PAUL J. PACE* | *EKS SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji
   - *Skeda ta' Pagamenti*
4. Rapport mill-Kunsillieri
5. Ħwejjeġ Oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 31/07 ta' nhar l-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Il-Viċi Sindku talab biex f'paġna *5 f'paragrafu xviii.v* fejn huwa għamel dikjarazzjoni, din l-istess dikjarazzjoni titniżżel kollha fil-Minuti. Sadanittant il-Kunsill qabel unanimenti li l-Minuti 31/07 tal-Erbgħa 11 ta' Marzu 2015 jiġu ffirmati xorta waħda kif fil-fatt sar mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea u d-dikjarazzjoni tiġi inkluża fil-Minuti tal-laqgħa attwali bħala korrezzjoni.

Id-dikjarazzjoni kienet tgħid hekk :-

*"Huwa fatt li bard u xita alla jaf meta, izda dak li gara nhar l-Erbgha 25 ta' Frar 2015 kienet koincidenza goffa.*

*Hekk kif appena s-sindku nfurmana li kien ma jiflahx u ghandu d-deni, u ghal daqstant ma setax jigi jmexxi l-laqgha tal-Kunsill, b'kumbinazzjoni Keith Darmanin, Frans Agius u Doris Vella ma setawx jattendu wkoll.*

*Ghaldaqstant ma kienx ser jintlahaq kuorum u s-segetarja infurmatni li laqgha thassret u ser issir f'data ohra.*

*Jien hassejt li din kienet mossa sabiex jien bhala vici sindku ma jkollix il-fakulta li mexxi l-laqgha jien bi dritt li ttini l-ligi.*

*Niddikjara li dan l-ghagir mhu ser jibdel xejn mil-hidma tieghi hekk kif kont stqarrejt fl-ewwel laqgha ta' din il legislature,meta kont offrejt l-ghajnuna tieghi fl-operat tal-kunsill. Hekk ser nibqa nghamel, nissorvelja l-operat ghal beneficcju tal-Kunsill.*

*B'sodisfazzjoni nghid li kienet il proposta tieghi, u li kien hemm qbil unanimu fuqa li ntalbu r-rendikonti dwar il hlasijiet li saru fuq l-iskema tal-PPP u hareg ir-rizultat li ghandna l-lum, li flahhar irrizulta fil-posittiv fuq il Balance Sheet tal-Kunsill."*

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill, li saret l-ewwel laqgħa mal-Kuntrattur Vella Group flimkien mal-avukati taż-żewġ partijiet. Is-Sindku nfurmahom li trid terġa ssir laqgħa oħra bi tkomplija sabiex jiġu ssetiljati xi pendenzi. Pendenzi mill-Kuntrattur Vella Group Ltd

ii Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-*projector* instab fil-kamra ta' taħt it-taraġ tal-Kunsill. Filwaqt li l-*powerwash* għadu ma sabiex. Il-Viċi Sindku offra li flimkien mas-Sindku jmur sal-garaxx tal-Kunsill forsi jidentifika din l-*powerwash*. Is-Sindku aċċetta mill-ewwel. Projector u power wash

*Il-Kunsillier Lawrence Bonavia attenda fis-18:30pm*

ii.i Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-laqgħa mal-Onor. Ministru Joe Mizzi għadha ma' saritx. Għal din il-laqgħa ser jattendi wkoll il-Viċi Sindku. Triq Paola

ii.ii Is-Sindku qal li kellu suġġeriment li peress li l-*main* qiegħed fuq in-naħa tat-triq li bħalissa jgħaddu minnha l-karozzi, jinbidel u minflokk isir il-parking man-naħa tal-main u t-traffiku jgħaddi man-naħa l-oħra.

ii.ii.i Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li s-Sindku jikkomunika mas-Sur Kevin Zahra tat-Transport Malta.

iv. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li fuq kjarifika tal-Viċi Sindku l-printing kien qed jiġi €8,000 u mhux €9,000. Rendikont Printing

v. Fuq is-suġġeriment tal-Kunsillier Ismael Dalli li nutilizzaw iktar il-facebook page tal-Kunsill biex isir aktar awareness mal-pubbliku in ġenerali, is-Sindku offra li jibda jieħu ħsieb hu din il-paġna. Facebook Page

vi. Rigward il-ħaddiema li l-Kunsill għandu assenjati miegħu, il-Viċi Sindku staqsa kemm għandna nies assenjati magħna. Is-Sindku wieġeb li għandna 11 assenjati magħna mill-ETC. Huwa kompla jistaqsi jekk b'dan l-ammont kollu hemmx xi ħadd li huwa kapaċi li jagħmel ċerta xogħol. Is-Sindku wieġeb li ċerta xogħol ma kienx isir minħabba l-finanzi. Ħaddiema assenjati mal-Kunsill

vii. Is-Sindku nfouma lill-Kunsill li x-xogħol fil-Berġa għaddej. Berġa fi Triq Santa Marija

viii. Is-Sindku kkonferma l-laqgħa mal-E. T. L-Ambaxxatur Malti għall-Bulgaria ser issir kif ippjanat nhar l-1 t'April 2015 fl-Ambaxxata l-Belt Valletta. Il-Viċi Sindku ser ikun preżenti għal din il-Laqgħa. Stedina Ambaxxatur Malti għall-Bularia

iv. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' Dr Malcolm Borg fejn infurmah li ħarġu xi fondi li għalihom il-Kunsill jista' japplika. Is-Sindku kompla jispjega li l-Kunsill jista' japplika għall fondi għal proġett relatat mal-War Shelter. Fondi EU

iv.i Il-Viċi Sindku nfurmah li l-istudju u xogħol relatat ma' dan il-proġett kien ġa lest għaliex il-Kunsill kien diġa applika għal fondi simili. Pero dan il-proġett ma kienx ġie approvat għaliex konna ma Kunsilli oħra li ma kienux jikkwalifikaw.

iv.ii Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li sar suġġeriment dwar tip ta' fondi oħra disponibli li nkunu nistgħu nutilizzaw sabiex isir proġett ta' ameljorament fl-area wara l-knisja parokkjali.

iv.ii.i Il-Viċi Sindku nfurmah li dik l-area li qed isemmi qatt ma sar xejn fiha minħabba l-problema li teżisti fis-sistema tad-drenaġġ.

iv.iii Il-Kunsill qabel li jsiru l-istimi sew mbagħad ladarba jkollna stampa ċara nistgħu napplikaw.

*Il-Kunsillier Ismael Dalli attenda fis-18:40pm.*

iv.iv Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li importanti li l-proġett l-ieħor ta' Ġnien Veliko Turnovo u Pjazza Santa Tereża jkompli jiffuzjona skond l-applikazzjoni.

iv.v Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk meta kienu applikaw għal dawn il-fondi kellhomx f'moħhom xi ħadd li setgħa jopera kemm l-Information kiosk kif ukoll l-gazebo u dan staqsih peress li huma kienu kollha ġa membri tal-Kunsill preċedenti.

iv.vi Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li l-information Kiosk nistgħu nħaddmuha billi xi ħaddiema li għandu assenjati miegħu l-Kunsill jiftħuha għal ftit siegħat kuljum. Apparti minn hekk nistgħu nitolbu lill-MTA tatina xi materjal li jkun jista' jitqassam minn hemmek ukoll u dan apparti d-dvd u l-ktejjeb informattiv li l-Kunsill diġa għandu.

iv.vii Il-Viċi Sindku żied jgħid li l-persuna idejali ikun s-Sur Clinton Galea li huwa wieħed mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill tagħna.

iv.viii Issa fir-rigward tal-gazebo, ġie ssuġġerit li nitkellmu mal-Għaqda tal-Artiġġjanat Malti biex forsi jikkollaboraw magħna u forsi jibdew joperaw minn ġo fiha għal xi siegħat kuljum.

iv.iv Il-Kunsill qabel unanimament ma' dawn is-suġġerimenti.

v. Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li fuq il-vann tal-Kunsill qed jinżamm logbook. Filwaqt li għall-użu tal-vann tas-Sindku għad ma rċevejniex risposta mid-Dipt. sabiex jagħtuna linja gwida ta' kif nistgħu nżommu *records* dwar l-użu ta' dan il-vann. Sadanittant is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa mhux qed juża dan il-vann. Fuel

x. B'rabta ma' l-ittra mibgħuta mid-Dipt. Gvern Lokali dwar l-Iżbilanċ Finanzjarju għas-sena 2013, is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li hija kitbet lid-Dipt. tistaqsi għal linji gwida sabiex (a) tittella' attivita FORD Car Show; (b) tittella' attivita' b'tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra; (c) jinxtraw xi tabelli u mirja; (d) jinxtara xi memento. Ittra DLG - Żbilanċ Finanzjarju

x.i Is-Seg. Eżek. qrat t-tweġiba mogħtija mid-Dipt. Gvern Lokali fejn kien indikat li d-Dipt. ma jsibx oġġezzjoni li jsir dan il-ħlas sakemm l-ispejjeż ikunu skond kif tirrikjedi l-liġi u li jkunu ġew inklużi fl-estimi annwali liema estimi annwali għandhom juru l-Kunsill qiegħed jelimina dan l-iżbilanċ finanzjarju. Barra minnhekk tkompli t-tweġiba mid-Dipt., il-Kunsill għandu jara l-prijoritajiet tiegħu, billi jekk in-nefqa ma tkunx ġiet inkluża fl-estimi annwali ta' din is-sena, dawn l-estimi għandhom jiġu riveduti billi titnaqqas minn x'imkien ieħor sabiex ikun jista' jagħmel din l-ispiża.

x.ii Il-Kunsillier Frans Agius staqsa għaliex l-ewwel d-Dipartiment talabna biex kull ħaġa li nonfqu rridu nġibu l-awtorizzazzjoni tad-Dipt mentri issa kitbulna li jekk in-nefqa ma tkunx inkluża fl-estimi, biex issir, jridu jiġu emendati l-estimi.

x.ii.i Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill f'każ ta' affarijiet ta' emerġenza bħal tabelli, mirja u/jew tiswijiet, il-Kunsill jista' jaqbel li jsiru u dan peress li jeżisti element ta' sigurta.

x.iii Il-Kunsill qabel unanimament li l-attivitajiet isiru kif ukoll li jinxtraw xi tabelli u mirja skond il-bżonn.

xi Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li talbet aktar dettalji lid-Dipt. rigward il-Kumitat tal-Finanzi. Hija qrat l-ittra bit-tweġiba. Fejn fiha kienet indikat fost affarijiet oħra li dan il-Kumitat għandu jieħu rwol ta' assessur sabiex jara li l-ispejjeż elenkati fl-Iskeda ta' Pagament jkunu kollha skond il-liġi u l-proċeduri tal-Kunsill. Kumitat tal-Finanzi

xii Rigward is-sejħa għall-impjieg full time ta' Uffiċċjal Eżekuttiv fuq Skala 13 u persuna oħra Skrivana part-time fuq Skala 15, is-Seg. Ezek. infurmat il-Kunsill li ntbgħatet t-talba għall-approvazzjoni mid-Dipt Gvern Lokali, pero sad-data u ħin tal-laqgħa kienet għad ma waslitx risposta. Sejħa Uffiċċjal Eżekuttiv Skala 13 full time u oħra Skrivana Skala 15 part-time

xiii Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kitbet liż-żewġ individwi li ressqu t-talbiet għal rifużjoni minħabba ħsarat f'tyres u/jew vetturi minħabba l-istat tat-toroq li l-Kunsill qed jitlob li jkollu linji gwida mid-Dipt. Gvern Lokali u mhux mill-Bord tal-Governanza. Is-Seg. Eżek. kompliet tispjega li hija kitbet liċ-Chairman ta' dan il-Bord fejn staqsietu x'kienu ezatt il-proċeduri. Dr Joe Mifsud infurmaha bil-lista tad-dokumenti li wieħed għandu jipprezenta kif ukoll qallha li d-deċizjoni finali trid tkun tal-Kunsill. Ħsarat fuq vetturi u/jew tyres minħabba stat ta' toroq

xiv. Is-Sindku staqsa lill-Kunsill kif nistgħu nipproċedu f'dawn il-każijiet. Saret diskussjoni dwar dan. Il-Viċi Sindku tenna li l-Bord ta' Governanza jista' biss jirrakomanda lill-Kunsill u mhux jordna lill-Kunsill. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li huwa minnu li l-Bord ta' Governanza ma tistax tordnalna, u staqsa jekk il-Kunsill jistax ikun jaf permezz tal-Avukat tal-Kunsill il-pożizzjoni legali tal-Kunsill f'dan ir-rigward. Is-Seg. Eżek. wieġbet li hija diġa għamlet kuntatt mal-Avukat tal-Kunsill fejn huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jilħaq kompromess ma dawn il-persuni pero fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni finali għandha tkun tal-Kunsill. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia talab sabiex l-Avukat jibgħat dan f'ittra bil-miktub sabiex b'hekk il-Kunsill ikollu linji gwida kif irid jipproċedi. Hawnhekk il-Viċi Sindku wieġeb li l-linji gwida jridu joħorġu mid-Dipt. Gvern Lokali u la mill-Avukat tal-Kunsill u lanqas mill-Bord ta' Governanza. Is-Sur Bonavia staqsa jekk id-Dipartiment kienx infurmat bis-suġġeriment tal-Bord ta' Governanza. Il-Viċi Sindku wieġeb li Malta kollha kienet infurmata għaliex dehret fuq il-mezzi tax-Xandir u ġie wkoll ippubblikat artiklu fuq il-gazzetta lokali. Is-Sur Bonavia

żied jgħid li allura jekk id-Dipt. idum ma jagħti tweġiba lill-Kunsilli dwar sitwazzjonijiet bħal dawn, il-Kunsill għandu jibqa' jittama b'riskju li l-affarijiet jikbru? Il-Kunsillier Frans Agius staqsa jekk il-Kunsill huwiex inxurjat għal każijiet simili? Is-Seg. Eżek wieġbet li meta hija avviċinat lil Aġenzija tal-Assikurazzjoni weġibha li mhix daqshekk faċli li l-kumpaniji ta' assikurazzjoni joħorġu rifużjoni. Hawnhekk il-Kunsillier Lawrence Bonavia reġa tenna li huwa għalhekk li jrid ikollna bil-miktub mingħand l-avukat tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku talab sabiex ikun irreġistrat li huwa mhux jaqbel mal-Kunsillier Lawrence Bonavia għaliex hu t-tweġiba u linja gwida jridha mid-Dipartiment Gvern Lokali. Huwa kompla jispjega li kif qal fil-laqgħa preċedenti anke l-Assoċ. Gvern Lokali kienet qed tiddiskuti dan il-każ.

xiv.i Il-Kunsill qabel unanimament li nitolbu linji gwida lid-Dipt. Gvern Lokali fuq dak li rrapurtaw il-mexxi tax-xandir.

xv. Rigward l-artiklu li deher fuq il-gazzetta The Times ta' nhar l-Erbgħa 4 ta' Marzu 2015, il-Kunsillier Keith Darmanin staqsa jekk intbgħatietx it-tweġiba dwar dan l-artiklu. Is-Seg. Eżek wieġbet li hija talbet lid-Dipt. linja gwida kif eżatt irid jinkiteb dan l-artiklu għall-fatt li fl-artiklu kienu msemmija b'mod individwali s-Sindku u tlett kunsillieri u mhux il-Kunsill fl-entita' tiegħu. Hija rrapurtat li sal-ħin u data tal-laqgħa kienet għadha ma rċevietx tweġiba. Artiklu Gazzetta THE TIMES 4/3/15

Il-Kunsillier Frans Agius wieġibha u talabha tirreġistra li tista tbiddel id-deċiżjoni u tinsa kollox. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li issa "it's too late".

xv.i Il-Kunsillier Frans Agius staqsa lis-Seg. Eżek. jekk allura issa l-Kunsill irid iwieġeb jew jirribatti artiklu fil-gazzetta allura issa jridx jintalab permess lid-Diptartiment? Is-Seg. Eżek. weġbitu li hi ma talbitx permess lid-Dipt. imma talbet linja gwida kif dan l-artiklu jrid jiġi mwieġeb għaliex kif ġa spjegat l-artiklu jsemmi lis-Sindku u tlett kunsillieri u mhux il-Kunsill. Is-Sur Agius rrimarka li allura jista' jiġi jmexxi d-Dipartiment għaliex qegħdin hawn ta' xejn.

xv.ii Il-Kunsillier Frans Agius qal li l-persuna li kitbet l-artiklu kitbet b'mod pubbliku allura jiġifieri l-Kunsill m'għandux dritt iwieġeb b'mod pubbliku jew irid jitlob kif ser jagħmel ittra fil-gazzetta? Hu żied jgħid li issa ma fihix sens li ssir tweġiba għax issa għadda ħafna żmien u jekk ser noqgħodu nibgħatu lid-Dipartiment għal kull ħaġa ta' xejn allura jista jiġi jmexxi d-Dipartiment. Il-Kunsillier Keith Darmanin qal li jaqbel mija fil-mija ma' dak li qal is-Sur Frans Agius. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li l-awtonomija tal-Kunsill qed tintilef kollha. Il-Kunsillier Frans Agius wieġeb li hu dik l-impressjoni għandu u li xi ħaġa li ma kellu qatt s'issa. Huwa kompla billi staqsa lill-Viċi Sindku jekk qabel kienu jwieġbu fil-gazzetti jekk kienux qed jiksru r-regoli? Il-Viċi Sindku wieġbu li ma jafx imma jista' jkun. Is-Seg. Eżek. reġgħet tenniet dak li qalet qabel li hija mhux permess talbet imma linja gwida b'liema mod tista twieġeb dan l-artiklu ladarba kien ċar li l-artiklu kien indirizzat lit-tlett kunsillieri u mhux il-Kunsill. Il-Kunsillier Frans Agius wieġeb li hu Kunsillier meta jkun l-Kunsill u mhux id-dar. U żied jgħid li allura *"I opt out* u issa nirrispondi jien".

xv.iii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia wieġbu li b'mod individwali huma xorta jistgħu jwieġbu.

xv.iv Il-Kunsillier Ismael Dalli staqsa jekk wieħed jistax jagħmel riferenza għall-Minuti tal-Laqgħa li issa ser ikunu online. Il-Viċi Sindku Paul Farrugia qabel miegħu. Il-Viċi Sindku żied jgħid li issa d-Dipartiment ser jiġi maqbuż għaliex issa dawn il-Minuti ser ikunu *online* u jekk id-Dipartiment ser jasal biex jagħti risposta, ir-risposta ser toħroġ awtomatika *online*.

xv.v Is-Sindku staqsih jekk hux qed jissuġġerixxi li allura fuq il-gazzetta niktbux li r-risposta qegħda online. Il-Kunsillier Keith Darmanin tenna li importanti li niktbu lid-Dipartiment u nitolbuh li ninħtieġu risposta kmieni għaliex l-argument jilħaq imut. Imbagħad ladarba jkollna l-go ahead tad-Dipartiment taqbad u tikteb.

xv.vi Is-Sindku staqsa jekk dehritx fuq gazzetta politika oħra. Il-Kunsillier Keith Darmanin wieġbu li dehret biss fuq The Times. Huwa kompla jgħid li l-individwu kellu d-dritt demokratiku li jikteb u li aħna għandna d-dritt demokratiku li nirrispondu u ladarba kiteb fuq gazzetta huwa ma jweġibx fuq gazzetta oħra.

xv.vii Il-Kunsillier Ismael Dalli ssuġġerixxa li nkella niktbu li fuq it-tali ittra fil-Minuti hemm ir-risposta. Il-Kunsillier Keith Darmanin ma qabilx miegħu għaliex qal li li t-tweġiba trid tasal bl-istess mod li kien inkiteb l-artiklu.

xv.viii Il-Kunsillier Keith Darmanin staqsa lill-Kunsill jekk kienx hemm qbil li tintbgħat reminder lid-Dipt Gvern Lokali u nitolbuhom risposta malajr kemm jista jkun u kif tasal it-tweġiba tintbgħat mill-ewwel ir-risposta? Il-Kunsillier Frans Agius wieġeb li jista' jsir kif irid il-Kunsill. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia wieġeb li teknikament id-deċiżjoni tal-aħħar darba ma tistax tinbidel. Il-Kunsillier Frans Agius wiegbu li l-argument tiegħu ma kienx dak imma li dan il-Kunsill spiċċa biex kull pass li jagħmel irridu noqgħodu niktbu lid-Dipt. u allura nistgħu ma nimxu xejn u ma nagħmlu xejn. Il-Kunsillier Keith Darmanin wieġeb li jaqbel miegħu mija fil-mija. Il-Kunsillieri Ismael Dalli u Lawrence Bonavia qablu li l-awtonomija trid tkun hemm.

xv.ix Il-Viċi Sindku staqsa lis-Seg. Eżek. x'qed nistennew mid-Dipt. Is-Seg. Eżek. wieġbet li hija l-ewwel ċemplet lill-Monitoring Unit fi ħdan il-Dipt. Gvern Lokali u kellmet lill-Asst. Direttur fejn talabha taqralu l-artiklu. Fil-fatt hekk sar u talabha sabiex qabel ma tipproċedi tibgħat email biex tingħata linja gwida ċara fuq dan il-każ. L-email intbgħatet pero sal-ħin u data ta' din il-laqgħa kienet għadha ma rċevietx tweġiba.

xv.x Il-Kunsillier Frans Agius indirizza lis-Seg. Eżek. fejn qallha li din ma kenitx il-mistoqsija li riedet tistaqsi lid-Dipt. għal fatt li jekk hija bħala Seg. Eżek. kienet ser tirrispondi kienet ser tirrispondi f'isem il-Kunsill u kieku jekk f'isimhom jirrispondu huma u mhux hi. Il-Kunsillier Keith Darmanin qal li fl-artiklu ma ssemmewx ismijiet. Il-Kunsillier Frans Agius tenna li hu Kunsillier fil-Kunsill u mhux id-dar jew ix-xogħol. U żied li jekk wieħed jirreferi għalih bħala Kunsillier jkun qed jirreferi għalih fil-Kunsill.

xv.xi Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li jekk teżisti din l-għaġġla kollha, l-Kunsillieri nvoluti jistgħu jirrispondu ha billi jagħmlu ittra, jiffirmawha l-erbgħa li huma u jibgħatuha bħala tweġiba. Il-Kunsillieri Frans Agius u Keith Darmanin qablu u qalu li għalihom ma tagħmilx differenza. Il-Sur Agius qal li l-argument kollu ma kienx dak għaliex meta fil-passat xi ħadd ipprova jattakka l-ex sindku u jdaħħal il-filsa kien hu personali l-ewwel wieħed li wieġbu u kiteb fil-gazzetti u dan kien għamlu f'isem sħabu u sħabu kienu saħansitra ffirmawha. Dak iż-żmien ma kellux problema u lanqas għandu problema biex jerġa jagħmilha issa.

xv.xii Il-Kunsill qabel u ġie deċiż li tintbgħat *reminder* lid-Dipt. dwar dan u sadanittant jekk nilħqu nirċievu risposta mid-Dipt. mill-ewwel tinħareġ it-tweġiba għal fuq il-gazzetta.

xvi. Rigward ix-xogħol fil-privat li dwaru intalbet aktar kjarifika mill-Monitoring Unit tal-Dipt., is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li wieġbet id-Dipt. u bgħatitilhom l-estratt tal-Minuti hekk kif kien irraporta s-Sindku waqt il-laqgħa. Xogħol fil-privat

xvii. Il-Viċi Sindku talab biex jgħaddi kumment fejn qal li għalkemm kultant jinstema li b'dak li jgħid ikun qed jikkritika l-operat tal-Kunsill. Hu qal li dak li jgħid ikun qed jgħidu sabiex il-Kunsill ikun "in order". Dan qed jgħidu sabiex jiċċara li jekk xi ħadd qed jaħseb li huwa qed jipprova jtellef mhuwiex il-każ. Żied jgħid il-Viċi Sindku li ħa pjaċir li f'żewġ okkażjonijiet is-Sindku bgħat messaġġ lill-Kunsillieri kollha fejn infurmahom bix-xogħol li kien ser jagħmel. Il-Kunsillieri ingħaqdu mal-Viċi Sindku u rringrazzjaw lis-Sindku.

xviii. Rigward il-kontijiet għoljin tal-Arms kemm l-uffiċini tal-Kunsill Lokali kif ukoll taċ-changing rooms tal-5 aside, Il-Viċi Sindku staqsa kienx hemm xi żvilupp? Is-Sindku Kontijiet għoljin

wieġeb li kien għadu ma marx jiċċekkja.

xviii.i Il-Viċi Sindku staqsa għaliex illejla l-ground kien mixgħul? Is-Sindku wieġeb li f'dak il-ħin kien hemm sessjoni mir-Rainbows u għalhekk kienet qed tintuża. U lejliet kienet għaddejja lezzjoni tal-aerobics. Il-Viċi Sindku qal li allura rridu nirreġistraw ukoll li fil-kont hemm rifless l-użu tal-grawnd u changing rooms mir-Rainbows kif ukoll għal-lezzjonijiet tal-aerobics.

xiv. Rigward iċ-ċekk għal Petty Cash li kien sar mill-Ex Seg. Eżek. u li kien għadu ma ssarrafx, issa qalet is-Seg. Eżek. dan iċ-ċekk ġie kkanċellat. Ċekk Petty Cash

x. Is-Seg. Eżek. irrapurtat li l-fondi magħrufa bħala tal-UIF issa telgħu għall-€4,062.15. UIF Funds

xi. Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li waslet talba mingħand l-Onor. Silvio Parnis fejn kiteb li ġie avviċinat minn resident li ressaq ilment/suġġeriment sabiex fi Triq Ħal Luqa ssir zebra cross oħra. Zebra cross Luqa Road

xi.i Il-Kunsill qabel unaniment li ma jsirux aktar zebra crossing f'din it-triq peress li diġa hemm tnejn li wieħed minnhom sar dan l-aħħar.

xii. Il-Viċi Sindku staqsa jekk intalbux il-permessi kollha meħtieġa mingħand l-Awtoritajiet konċernati sabiex isiru xi planter fi Triq Napuljun Caruana Dingli fejn hemm daħla tal-garaxxijiet ? Is-Sindku wieġbu li kien għadu ma pproċediex dwar dan. Planter

## 3 Affarijiet Finanzjarji

Skeda ta' Pagamenti

- ***Skeda ta' pagamenti***

i. Il-Viċi Sindku rrimarka li l-kont tal-fuel reġa ġie għoli €210 għal 17 –il ġurnata ta' xogħol.

ii. Il-Viċi Sindku rrimarka wkoll bejn żewġt iħwienet il-kont tal-ironmongery qed jaqbeż l-€1,036. Huwa staqsa lis-Seg. Eżek. jekk hi kellix permess mid-Dipt. sabiex issir din in-nefqa? Hija wieġbet li dawn il-kontijiet imorru lura minn Ottubru. Żiedet ukoll li l-kontijiet sabithom fuq l-iskrivanija tagħha jum fost l-oħrajn kif daħlet fil-għodu.

ii.i Il-Viċi Sindku qal li b'dan qed niksru r-regola finanzjarja għaliex suppost il-kontijiet tal-2014 iddaħlu kollha fil-Financial Statements li ngħalqu 31/12/14.

ii.ii Il-Viċi Sindku staqsa jekk għadx hemm kontijiet oħra mis-sena finanzjarja 2014 li għadhom pendenti apparti dawk ippreżentati f'dik l-iskeda? Is-Seg. Eżek. wieġbet li kien għad hemm wieħed żgur għaliex meta ċċekjatu rriżulta li kien hemm żball fih u reġgħet għaddietu lura lil sid il-ħanut biex temenda skond il-bżonn.

ii.iii Il-Viċi Sindku rrimarka li din is-sitwazzjoni kienet ser tirrifletti ikrah fuq l-Audit tal-Kunsill.

ii.iv Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx kontroll fuq dan ix-xiri? Is-Sindku wieġeb li kull min imur jixtri irid jiffirma għal kull oġġett li jixtri. Il-persuni awtorizzati huma hu bħala Sindku u l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill li kif diġa qal jiffirmaw meta jixtru xi ħaġa. Il-Kunsillier Frans Agius staqsa jekk dan ix-xiri kienx qed isir bil-Purchase Order. Is-Sindku wieġeb li ma' dawn iż-żewġ ħwienet in partikoli ma kienx qed jagħmel hekk. Minn issa 'l quddiem ser tibda tinħareġ purchase order għal kull oġġett li jinxtara.

iii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sakemm jkollna linja gwida mid-Dipt. il-vann tiegħu mhux qed jużah u dan hekk kif kien ġie maqbul fil-laqgħa tal-kunsill preċedenti.

iv. L-Iskeda ta' Pagamenti Nru22/07 tal-laqgħa preċedenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsillieri oħra hekk kif kien maqbul f'dik l-istess laqgħa u dan wara li minn dik l-Iskeda tneħħa il-kont tal-Koptasin li kien elenkat f'numru 35.

v. Il-Kunsill approva unanimament li jitħallsu l-fatturi kollha fuq l-Iskeda ta' Pagamenti Nru23/07 fejn ġiet iffirmata mis-Sindku, minn żewġ Kunsillieri kif ukoll mis-Seg. Eżek.

4 **Rapport tal-Kunsilliera**

*Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

i Il-Kunsillier Frans Agius qal li għal darb'oħra waslet l-Applikazzjoni għal tal-Lifelong Learning fejn għal din is-sena jirriżulta li l-korsijiet kollha ser jingħataw b'xejn għall-Kunsilli Lokali.

i.i Is-Sur Agius żied li hu kien qed jippropni li l-Kunsill japplika sabiex isiru 5 korsijiet fosthom l-Malti u l-Ingliż bażiku, il-Matematika bażiku, il-bizzilla, kif ukoll il-health well being & successful ageing.

i.ii Il-Kunsill qabel unaniment.

i.iii Il-Kunsillier Frans Agius qal li għal sena oħra rċevejna stedina sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'wirja tal-ortikultura fil-Palazz tal-President.

i.iv Il-Kunsill qabel unanimament li nipparteċipaw.

*Rapport mill-Kunsillier Keith Darmanin*

ii. Is-Sur Darmanin qali li FORD Car Show saret il-Ħadd 15 ta' Marzu 2015 kif ippjanat u kienet suċċess. Deher saħansitra artiklu fuq *inews*. *FORD Car Show*

ii.i Huma kompla jispjega li fl-aħħar tal-attivita' kien avviċinat mill-Għaqda ta' dawn id-dilettanti fejn qalulu li m'għandhomx post biex jiltaqgħu għall-laqgħa Ġenerali Annwali tagħhom. Ġie ssuġġeriet li l-Kunsill joffrilhom iċ-Ċentru Komunitarju sabiex tittella' din il-laqgħa. Il-Kunsill qabel unanimament.

ii.ii Is-Sur Darmanin qal li l-laqgħa għar-residenti ta' nhar is-Sibt 14 ta' Marzu 2015 fl-10:00am ġewwa l-Kunsill Lokali mmexxija mis-Supt. kienet waħda tajba ħafna. Kompla s-Sur Darmanin li f'din il-laqgħa ġie mistoqsi għall-istickers tan-Neighbourhood Watch. Is-Sindku wieġeb li kien qed jissuġġerixxi li minflokk isiru stickers mal-bibien isiru stickers li jitwaħħlu mal-istess arbli tat-tabelli tat-toroq fejn jindika li dik iż-zona hija mħarsa minn Neighbourhood Watch. Il-Kunsillier Keith Darmanin qabel ma' dan is-suġġeriment. *Laqgħa għar-residenti*

ii.iii Il-Kunsillier Keith Darmanin issuġġerixxa li l-laqgħat tan-Neighbourhood Watch jerġgħu jibdew għal Ġunju wara l-festa.

ii.iv Is-Sur Darmanin qal li l-lezzjonijiet tal-Aerobics waslu fl-aħħar u għalissa ser jiefqu għal ftit. Huwa rrimarka li pprova jċempel lis-Sinj. Doris Montebello biex jinfurmaha dwar dan, pero hija minflokk irritornat it-telefonata tiegħeu minn naħa tagħha ċemplet lill-Kunsilliera Doris Vella. B'dan qed iħoss li huwa nuqqas ta' rispett lejh għaliex qed jaqbżu lilu u jċemplu lill-Kunsillier oħra.

ii.v Is-Sindku ssuġerixxa li dawn il-lezzjonijiet jieqfu għal xi xahar xahrejn imbagħad jerġgħu jinfetħu l-applikazzjonjiet mill-ġdid u mhux tibqa' sejra b'li jkollha ġa. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir hekk.

*Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

iii Is-Sur Dalli nfurma lill-Kunsill li r-riċiklaġġ tat-tessuti ser isir kif ippjanat nhar il-11 ta' April 2015 bħas-soltu quddiem l-uffiċini tal-Kunsill. Riċiklaġġ tat-tessuti

Il-Kunsill qabel unanimament.

iii.i Is-Sur Dalli qal li l-istess operatur aċċetta, li jagħtina 2 tankijiet li ser jitpoġġew wieħed quddiem il-Kunsill u ieħor fi Ġnien Mark Farrugia u jekk inhu possibli nżidu ieħor fi Ġnien Ovindoli. Tankijiet għar-riċiklaġġ tal-apparat elettroniku

iv. *Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*
Is-Sinjura D. Vella qalet li fl-14 ta' Mejju ser tittella attivita għall-Jum L-Omm u ser issir x'imkien ġewwa raħal. Attivita' Jum l-Omm

iv.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li għandu f'idejgħ lista ta' persuni li jistgħu jagħmlu *lectures* fuq affarijiet ta' saħħa u affarijiet simili. Dan qed jgħidu sabiex jekk ikunu jridu waqt dawn l-attivitijiet jistgħu jiġu mistiedna dawn il-kelliema sabiex ninkludu taħdidiet ta' nteress u informazzjoni siewja.

iv.ii Il-Kunsilliera Doris Vella qablet ma' dan is-suġġeriment.

5. **Ħwejjeġ Oħra**

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill t-Transport Malta pprovditilna x'tabelli u sinjali tat-traffiku hemm bżonn isiru u jitwaħħlu f'parti ta' Triq Temi Zammit li ġiet approvata *one way*. Is-Sindku qal li tabelli tal-one way u tabella no turn to the left għandu wkoll, jonqsu biss tabella waħda u żewġ arbli. One Way System – Triq Temi Zammit

Il-Kunsill qabel li jinxtraw.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara diskussjonijiet issa ġie mgħarraf li dik il-biċċa art fi Triq Ħal Luqa li kien qed iħallas il-kera għaliha s-Sur Vincent Schembri, irrilaxxaha. Issa s-Sindku staqsa jekk hemmhekk hux ser isiru xi bring in sites?

ii.i Il-Viċi Sindku wieġbu li dawk kienu parti mill-proġett. Ġie ssuġġerit li jitkellem mal-operatur sabiex jara x'jista jsir mingħajr ma jkun eye sore.

ii.ii Il-Kunsill qabel unanimanet li jsiru Bring In Sites.

iii. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li hemm bżonn li jsiru xi shelving u li jsiru xi bibiet għax-shelving li diġa għandna. Il-Kunsill qabel unanimanet li dawn isiru.

6 **Għeluq tal-Laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fit-20:00pm.

Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 22 ta' April 2015 fis-6.00pm.

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**